# *F'GĦELUQ IL-50 SENA TAT-TABERNAKLU TAL-FIDDA FIL-KAPPELLA TAS-SAGRAMENT*

**Tagħrif miġbur minn A.M.B.**

Opra prezzjuża li tant tixraq lill-Kolleġġjata Elenjana hi t-tabernaklu tal-fidda mastizz li jiżen 75 ratal. It-tabernaklu b'post fiss fuq l-artal ċentrali hi drawwa aktarx riċenti. Kien hemm żmien meta wara l-quddiesa, l-Ewkaristija kienet titwassal lill-morda li ma kenux jattendu għas-sagrifiċċju. Meta ma kienx isir quddies fil-ġranet liturġiċi, bħall-Ġimgħa l-Kbira, l-Ewkaristija kienet tinżamm fuq altar speċjali (li aħna nsejħulu Sepulkru) biex l-insara jkunu jistgħu jitqarbnu l-jum ta' wara. Fiż-żminijiet tan-nofs, l-Ewkaristija kienet tinżamm f'armarju diċenti fil-ħajt ma' genb jew wara l-altar. Fl-ewwel żminijiet, l-Ostji Mqaddsa kienu jinżammu f'post imiss mal-knisja jew mas-sagrestija msejħa "secretarium" (ara S. Pawlinu ta' Nola). Sas-seklu għaxra kienu joħorġu regolamenti biex l-Ewkaristija tinżamm fiż-żgur u mhux aktar ġo dik l-ispeċi ta' ħamiema mdendla bħal dik li naraw fil-Knisja tal-Griegi fejn hi meqjuma l-Madonna tad-Damaxxena. It-tabernaklu kellu jinżamm f'post mhux ċentrali fil-Katidrali, fil-Kolleġġjati u f'dawk Konventwali minħabba l-funzjonijiet korali. Kien hemm ukoll obbligu li quddiem it-tabernaklu, lejl u nhar, jinżamm dawl mixgħul quddiem Ġesù li sejjaħ lilu nnifsu "Dawl tad-Dinja". Meta daħal il-barokk fil-bini tat-tempji u aktar tard ir-*rococò*, it-tabernaklu sar iċ-ċentru tal-knisja u fis-seklu XV daħlet id-drawwa li dan ikun mgħotti bid-drapp li jinbidel fl-ilwien skond il-jiem liturġiċi.

Sa ftit ilu hekk kien it-tabernaklu fil-Bażilka tagħna. Iżda d-Dekan Dun Ġużepp Micallef, li kien is-Sagristan Maġġur tal-Kolleġġjata, barra li kien Viċi Parroku, u kien inkarigat mit-tqarbin li kien isir barra mill-quddiesa f'ħinijiet diversi, nibet f'moħħu proġett ġdid. Xejn inqas minn tabernaklu tal-fidda. Għal dan il-għan hu beda jġemma' kull xorta ta' fidda li bħala metall seta' jiddewweb meta jkun il-waqt. Avviċina lill-Prokuratur il-Kanonku Dun Vinċenz Saliba biex jitħejja disinn. Dun Vinċenz qabbad lill-pittur Karkariż Joseph Briffa, li milli jidher kien midħla tajjeb ta' dettalji tal-Ktieb ta' l-Apokalissi (5,9). Id-disinn li jinterpreta kliem l-Apokalissi dwar "il-Ħaruf li jieħu l-ktieb u jiftaħ is-siġilli tiegħu", għoġob lill-Kapitlu. Fuq suġġeriment ta' Briffa, ġie issa mqabbad l-iskultur Francesco Sciortino li ħejja l-mudell. Dan kellu jinħadem fil-fonderija ta' Vinċenz Sammut ta' Birkirkara. Sammut ma riedx jidħol għal




*It-Tabernaklu tal-Fidda fil-Kappella tas-Sagrament*

dan ix-xogħol tal-fidda għax hu kien espert fil-bronż. Iżda Sammut kien espert fix-xogħol fuq iċ-"ċera perduta", u għalhekk fuq insistenza ta' Saliba, aċċetta li jidħol għalih.

Id-diffikultajiet ma naqsux. Meta kien ser isir it-tidwib tal-fidda nstab li Micallef ma kellux materjal biżżejjed u b'xorti tajba Saliba kellu kwantità oħra mġemmgħa li għamlet tajjeb. Problema oħra kien it-tidwib tal-metall li ma setax jirrendi ruħu forma ta' likwidu biex jitferra fil-forma. Iżda min kien espert mill-ewwel induna fejn kien is-sigriet tas-sengħa u offra s-soluzzjoni sodisfaċenti tiegħu. Kien hemm intopp ieħor fil-ħxuna tal-figuri li jidhru fih, iżda b'determinazzjoni qawwija kollox ġie rimedjat. Kbir kien is-sodisfazzjon ta' kulħadd meta x-xogħol beda jiġi raffinat u illustrat, u dehret is-sbuħija tiegħu. Fuqu kien hemm "altro rilliev" tal-kliem "Ecce panis angelorum factus cibus viatorum" (hekk hu l-ħobż ta' l-anġli nagħmul ikel għall-bnedmin fit-triq tal-ħajja). Kemm ħadmu bil-qalb il-ħaddiema tal-knisja biex jiffitjawh ġo l-altar.

Fl-intervall Dun Ġużepp ġabar xi fidda oħra u ried li jsir anġlu li jżomm it-tazza tal-"lavabo". Xogħol li rnexxa. Saret ukoll il-kaxxa tal-korporal. Għaliha Ċensu Sammut tal-"motors" kellu l-mudell ta' l-imgħallem tiegħu, it-Taljan Cellini, skultur tal-Lateran. Din hi minjatura tal-kruċifissjoni li Cellini kien għamel għal waħda mir-relikwji li tinsab fil-Bażilika ta' S. Croce in Gerusalemme.

Biex ikun intqal kollox, ta' min iżid ukoll li aktar tard id-Dekan Micallef irregala wkoll pissidi jew "ciborium" tal-fidda *extra large* b'bosta stemmi fosthom dik ta' kunjomu. Kien għoġob ħafna lill-Arċisqof Gonzi li bierku fl-Awla Kapitulari. Anqas ma rrid ninsa nsemmi l-girandola tal-fidda b'ħafna xogħol filogranu biex tintuża kull nhar ta' Ħamis waqt l-adorazzjoni. Dun Ġużepp u ħuh Dun Ġwann Micallef offrew ukoll ċavetta tad-deheb għat-tabernaklu, li sa fejn niftakar jiena qatt ma rajtha tintuża, iżda qed tinżamm b'għożża kbira fiż-żgur. Il-mudell ħareġ b'reqqa u majestrija kbira minn idejn Patri Franco Falzon li kien ukoll kunsillier fiż-żewġ opri ta' qabel. Xi snin ilu n-neputi tagħhom il-Kan. Gius Micallef offra "ciborium" imdaqqas tal-fidda għall-użu ta' kuljum biex fih jittellgħu l-offerti tal-ħobż.

Id-dedikazzjoni ta' Dun Ġużepp, id-Dekan u l-imħabba tiegħu lejn l-Ewkaristija żgur li kienu l-ispirazzjoni biex persuni oħra tħajru jsebbħu l-Kappella tas-Sagrament fejn tħossok tassew miġbur tqim lil Ġesù fl-Ewkaristija.